# Il-Knisja ta' Santa Katarina f'Ħal-Qormi

Ħa nagħtu ħarsa lejn il-knisja ddedikata lil Santa Katarina V.M. li tinsab fiċ-ċentru ta' Ħal Qormi u għalhekk tinsab fil-qalba tal-ħajja ta' dan ir-raħal qadim.

Din il-knisja tmur lura ħafna fiż-żmien u tinsab qrib il-knisja ta' Santa Marija "Ta' Qerqċa" u llum tifforma parti mill-wirt kulturali ta' Ħal Qormi.

Kemm il-darba ġibdet l-attenzjoni tal-barranin li jkunu f'dawn l-inħawi. L-istess lil bosta studjużi ta' l-arkitettura. Fost dawn insemmu lil Professur Quintin Hughes li fil-ktieb tiegħu "The Buildings of Malta 1530-1798" ikkumenta dwar din il-knisja.



Il-Knisja ta' Santa Katarina V.M. li tinsab Ħal Qormi

Il-kult lejn Santa Katarina f'dan ir-raħal hu qadim ħafna kemm hu hekk meta fl-1575 Mons. Pietro Duzina, żar dan ir-raħal, żar knisja ddedikata lil din il-qaddisa. F'din il-knisja kien hemm pittura fuq l-injam u kienet magħluqa permezz ta' bibien ta' l-injam, iżda la kellha dħul, la rettur u lanqas min jieħu ħsiebha.

Agata Cassar kienet ħalliet legat marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-quddies u vespri f'jum il-festa.

Meta l-Isqof Tumas Gargallo, żar din il-knisja fl-1598, irraporta li l-Kappillan kien jiċċelebra l-festa, filwaqt li xi ġirien kienu jieħdu ħsieb il-knisja u jixgħelu l-lampier kull nhar ta' Sibt. L-Isqof ikkumenta ukoll li l-pittura ta' fuq l-artal ma tantx kienet sabiħa. L-artal filwaqt li kellu ventartal ma kellux gandlieri.

Interessanti ħafna ir-rapport tal-viżta pastorali li kien għamel Mons. Pontremoli, lil din il-knisja fl-1634. Minn hawn nafu li l-knisja kienet mibnija fuq numru ta' ħnejjiet tal-ġebel. Il-bieb prinċipali kien iħares

.......... Jissokta f' paġna 41



Il-Kwadru Titulari meqjum fil-Knisja ta' Santa Katarina f'Ħal Qormi

........... Jissokta minn paġna 39

lejn in-naħa tal-lvant u fuqu kien hemm tieqa żgħira, b'salib tal-ħadid ingastat fiha. L-artal kien tal-ġebel u kellu tarġa waħda. kien komplut b'kollox bħal gandlieri ta' l-injam, trieħi u ventartal tal-ġild bix-xbieha ta' San Ġużepp impittra fuqu. L-Isqof ikkumenta wkoll dwar il-kwadru titulari. Jgħid li dan kien jirrappreżenta lil qaddisa għarkobbtejha f'riġlejn il-Madonna u l-Bambin u imsieħba minn żewġ anġli. Dan il-Kwadru kien sar bi spejjes Agostino Bonavia li l-arma tiegħu kienet ukoll impittra fuqu.

Din il-knisja iżda, mhix l-istess waħda li naraw illum għaliex id-dettalji li semmejna huma għal kollox differenti iżda il-knisja ta' llum taqbel mad-dettalji li jtina l-Isqof Molina fil-viżta pastorali li għamel fl-aħħar snin tas-seklu sbatax. Dan l-isqof qalilna li issa l-knisja għandha tlett bibien li wieħed minnhom kien iħares lejn il-lvant. Dan kien il-maġġur u l-ieħor tan-naħa tal-punent kien magħluq u msakkar b'katnazz tal-ħadid. Ma kienx jintuża. Il-pittura li semmejna fl-1634 kienet għadha hemm iżda l-gwarniċ tagħha kien mizbugħ iswed imżewwaq bid-deheb u l-festa tal-qaddisa kienet għadha tiġi ċċelebrata kull sena. Illum din il-knisja għadha wieqfa. Hija l-aqwa xhieda tal-qedem tal-kult ta' Santa Katarina f'dan ir-raħal u fl-istess ħin qegħda tifforma parti mill-wirt kulturali ta' Ħal Qormi.

**Tony Terribile**


# SCHEMBRI MARBLES

## Granite, Marble & Resin Works

*Dawret Ħal Għaxaq - Għaxaq*

**Tel:** Workshop **-21678608** Showroom **-21672210** **Mobile: 99499692**

**Showroom Hours:** Summer 6:00Pm - 8:00Pm Winter 5:30Pm - 7:30Pm